# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 99

14 ta' Mejju, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.38 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea– Viċi Sindku
Margaret Said – Kunsilliera
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 99**

99.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
99.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 98 – 8;
99.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
99.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
99.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
99.6 Est! Est!! Est!!! Ta' Sannat Wine Festival;
99.7 Risposta għall-ittra ta' direzzjoni lill-Awditur;
99.8 Permessi – Festa Santa Margerita;
99.9 Ilmenti u Suġġerimenti;
99.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 5/2019;
99.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta tal-aħħar laqgħa.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu. Hu qal li kif jaf il-Kunsill din il-laqgħa qed issir illum minflok nhar il-Ġimgħa 3 ta' Mejju 2019.

## 99 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

99.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 99.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

99.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċidenti Nru. 98 – 8 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

99.2.2 Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Said waslu u daħlu għall-laqgħa. Huma ġew mistoqsija mis-Sindku jekk jaqblux mall-minuti preċedenti. Huma qablu wkoll.

## 99.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

99.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 2 ta' Mejju 2019 ġie nfurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li waqt li l-ħaddiema tal-proġett ta' Triq Sannat kienu qed jaħdmu fuq il- water storm culvert fejn kienu waslu quddiem il-kalkara tal-ġir biswit il-bini tal-uffiċju tal-Kunsill, il-ħajt u l-ħadid ta' quddiem il-kalkara ċeda u waqa b'hekk saret ħsara fuq il-ħadid. Dan waqa' peress li ma kienx hemm pedamenti taħt dan il-ħajt. Il-Perit ġie nfurmat b'dan. Ix-xogħolijiet fuq dan il-water storm culvert għadhom għaddejin biex jitkompla dan il-proġett fuq din it-triq. Dwar dan il-proġett is-Sindku qal li l-livelli tat-triq se jinbidlu, ghandu jinbidel ukoll il-main tal-ilma u ser issir katusa tal-400 jew ta' 300 skond kif tgħaddi għall-ilqugħ tal-ilma minn Triq Ta' Ċenċ u Pjazza Santa Margerita.

99.3.2 Is-Sindku qal lill-Kunsill li Jum Sannat ġie ċċelebrat fil-jum tiegħu stess, l-attivita' b'serata mużikali li fiha pparteċipat il-banda tal-lokal saret fis-sala tal-iskola primarja fejn rat ir-rebbieħ ta' Premju Ġieħ Sannat lill-Iskola Primarju u l-Unit Speċjali u r-Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-sena li din is-sena rebħitu Valentina Rapa. Hu qal li ntwera powerpoint presentation dwar ix-xogħolijiet li twettqu minn dan il-Kunsill. Hu qal li kien hemm attendenza tajba ħafna għal din l-attivita'.

99.3.3 Is-Sindku qal li nhar is-Sibt 27 ta' April 2019, fl-4.30 p.m., fis-sala tal-Kunsill saret laqgħa mar-residenti barranin. Għal din il-laqgħa attendew 13 il-persuna. Huwa qal li waqt din il-laqgħa ġew diskussi x-xogħolijiet li wettaq dan il-Kunsill u xogħolijiet li huma fil-proċess li jsiru. Waqt din il-laqgħa kien kemm lok għal dawk li xtaqu jagħmlu xi suġġerimenti jew mistoqsijiet.

99.3.4 Is-Sindku qal li x-xogħolijet ta' resurfacing b'monolitich concrete system fi Sqaq Dun Nastas minn fondi ta' DEPF (Awtorita' tal-Ippjanar) għandu jibda fil-ġranet li ġejjin.

## 99.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

99.4.1 Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li tinsab diżgustata bil-fatt li għal diversi snin u laqgħat konsekuttivi bħala Kunsilliera dejjem ressqet il-bżonn ta' double yellow lines minn Triq

Xabbata għal Pjazzetta tax-Xelina. Hija qalet li hija għarukaza li d-double yellow lines ma tkomplewx sat-tarf. B'hekk ir-residenti baqgħu jipparkjaw l-van fl-istess post u baqgħu jimblokkaw l-easy access ta' two way lanes għas-sewwieqa. Tort ta' din in-negligenza u rresponsabilita hi stess spiċċat kellha nċident nhar is-26 ta' April 2019. Hi qed tistenna li ngħidula kif se tiġi kkompensata. Is-Sindku qal li għandna naraw ma' Transport Malta biex dawn is-sinjali jiġu mplimentati u li hi taf x'inhi r-raġuni ta dan kollu. Hu staqsa għalfejn sa issa qatt ma staqsiet għalfejn dawn ma sarux.

99.4.2 Il-Kunsilliera Cassar Sultana fakkret li għal diversi snin, ressqet l-ilment dwar l-istat ta' Triq Paranji iżda bl-iskuża li dik it-triq għada trid tinfetaħ, iċ-ċittadin baqa' jsofri u se jibqa jsofri. Hi qalet li dan it-trab qed joħloq mard respiratorju lir-residenti. Hi staqsiet jekk il-proġett sabiex tinfetaħ it-triq baqalux diversi snin oħra, allura r-residenti se jibqgħu jiġu trattati b'dal mod? Is-Sindku qal li huwa minnu imma din it-triq taqa direttament taħt il-Gvern Ċentrali peress li hi waħda ġdida u li fit-triq hemm diversi binjiet li għadhom qegħdin jinbnew u li din t-triq għadha trid tiġi ffurmata u tinfed għal Triq Ta' Bebunaq.

99.4.3 Il-Kusilliera Cassar Sultana staqsiet x'kien ir-rwol tas-Sindku meta ta' spiss kien isiefer lejn Montefiascone matul din l-leġislatura u x'kien l-mottiv ta' dawn iż-żjarat? Is-Sindku wieġeb li dawn kienu żjajar privati u kienu jitħallsu minnu stess. Is-Sindku qal li hu dejjem tkellem fuq il-mejda tal-Kunsill u huma miktuba fil-minuti b'approvazzjoni unanima mill-Kunsill. Kienet hi li jew tkun assenti mill-laqgħa tal-Kunsill jew tiġi tard. Is-Sindku fakkar li bħal ma jaf kulħadd inkluż hi, b'approvazzjoni tal-Kunsill, il-Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv marru b'delegazzjoni.

99.4.5 Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li matul din il-legislatura hi ressaqt kemm il-darba x-xewqa li jsiru cctv cameras fid-dħul u l-ħruġ tar-raħal, pero bl-iskuża li qatt ma hemm flus dawn qatt ma saru. Hi staqsiet possibli kien hemm ħtiġijiet iktar importanti mis-sikurezza tar-raħal u r-residenti? Is-Sindku qal li wieħed għandu jara jekk dawn jistgħux isiru peress li dan l-aħħar ukoll id-DLG ħareġ Ċirkulari dwar dan u minħabba wkoll il-GDPR. Il-Kunsill ħadem biex japplika għal miżura priority Axis 4 minn fondi ewropej fejn ikkunsultajna mall-Inġinier u irrizulta li ma stajniex napplikaw.

99.4.6 Il-Kunsilliera Cassar Sultana talbet spjega għala għall-Wine Festival li se jaħbat eżattament mal-Eurovision ġew ordnati 3 bands, kemm se jiswew u fi xħin se jdoqqu? Barra minn hekk hi staqsiet jekk kienx dan ir-rispett lejn it-talent Għawdxi? Kienx hemm għalfejn jintefqu daqstant flus meta l-attenzjoni hija kollha fuq il-Eurovision? Hi kompliet billi qalet dan huwa l-għaqal u l-accountability finanzjarja? Is-Sindku qal li dwar dan ser iwieġeb il-quddiem waqt din il-laqgħa, hu qal li apparti dan wieħed ma għandux jinsa li l-Kunsill Lokali bbenefika fondi apposta għal din l-attivita mill-Ministeru għal Għawdex. Apparti dan kien diffiċli li tinsab ġurnata alternattiva peress li kien hemm bosta attivitajiet oħra madwar il-ġżira u li ssa se jibdew il-festi f'kull raħal għalhekk intgħażlet din id-data.

99.4.7 Il-Kunsilliera Cassar Sultana tixtieq tkun taf għalfejn meta hi kienet titlob li ssir laqgħa u anke attivitajiet bil-partecipazzjoni tal-*expatriates* residenti fir-raħal tagħna fil-bidu tal-leġislatura ġiet mwarrba, u issa li kważi spiċċat l-legislatura saret laqgħa magħhom fuq talba ta' resident. Hi qalet li giet injorajta bħala Kunsilliera u hija naċċettabli iżda wisq iktar meta tinjora lir-residenti Ta' Sannat għal daqstant snin. Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk dawn humiex mniżla fil-minuti u jekk huma mniżlin għaliex din qatt ma nsistiet li jsir dan matul din il-leġislatura.

99.4.8 Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li tispera li dawn in-nuqqasijiet ta' accountability ma jibqgħux iseħħu fil-legislatura li jmiss u awgurat lill-Kunsill il-ġdid iżjed ħidma kollettiva u

sostenibbli għar-raħal tant għażiż Ta' Sannat. Is-Sindku reġa saqsa lill-Kunsilliera Cassar Sultana dwar fhix kien wasal il-bilingual pamphlet/pendrive fuq l-istorja ta' raħalna u li dan baqa qatt ma sar? Il-Kunsilliera Cassar Sultana wieġbet li hi kienet għaddiet il-materjal kollu li kienet ġabret u rriċerkjat lit-translator (l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ) u għal raġjuni ta' studju ma kelliex ħin tgħamilhom, sa hemmhekk xogħolha kien lest, kieku t-translator kienet lesta kienet tkompli bil-proġett. Is-Sindku qalliha li hi kienet responsabli minn dan il-proġett u messa qabdet lil xi ħadd ieħor għaliex dan baqa ma twettaqx meta suppost li dan sar qabel Settembru 2016. Hu qal ejja ma nkunux negattivi apparti dan kollu saru u ġew implimentati ħafna proġetti u li ma huwiex ġust li qed issir din il-kritika distruttiva fl-aħħar laqgħa ta din il-leġislatura fejn il-Kunsill kien suċċess, fejn kiseb diversi fondi u wettaq ħafna proġetti w inizzjattivi ġodda favur il-lokalita' Ta' Sannat.

## 99.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

99.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-offerta tal-Household Refuse Collection konġunta bejn il-Kunsilli Ta' Sannat, Ix-Xagħra u Ix-Xewkija ġiet ppublikata u ser tagħlaq nhar il-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2019. Il-bord maqbul mill-partijiet u maħtur diġa hu nfurmat u se jiltaqa nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2019 biex din l-offerta tiġi evalwata u aġġudikata.

99.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-offerta Nru. SNTLC 04/2019 Tender for the Restoration of Rubble Walls in Triq Sannat taħt miżura M4.3 reġgħet ġiet ppublikata għar-raba' darba u din se tgħalaq nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju 2017. Il-bord maħtur diġa hu nfurmat u se jiltaqa dakinhar stess biex din l-offerta tiġi evalwata u aġġudikata.

99.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li r-Reġjun Għawdex qabel li se joħroġ sejħa waħda għal dawk il-Kunsilli Lokali Għawdxin li ma għadhomx Data Protection Officer biex b'hekk dawn ikollhom din il-persuna li tkun tista tgħamel dan ix-xogħol, għalhekk il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ta' il-kunses u aċċetta li jkun jista jsir dan.

99.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li dwar il-pagament ta' Triq Bardan minn Miżura 4.3 il-Kunsill talab biex il-Kuntrattur jkun jista jitħallas parti minn dan il-kont. L-ammont tal-ħlas kien ta €47,000, dan peress li dan l-ammont biss kien jinsab fil-kont bankarju tal-Kunsill fil-bank miftuħ apposta fil-Bank Ċentrali ta' Malta. Sadanittant il-Kunsill bgħat il-Claim Form flimkien ma dokumenti oħra fuq din it-triq biex il-Kuntrattur jkun jista jitħallas id-differenza tal-kont finali.

99.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ntalbet kwotazzjoni biex jiġu nstallati CCTV cameras fi Triq Palazz Palina għal prezz ta' €708 biex jiġi rrimedjat darba għal dejjem l-abbuż kontinwu f'din it-triq. Dawn se nippruvaw li jiġu rimbursati mill-grant miksub u mirbuħ riċenti minn WasteServ Ltd.

99.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-bord ta' Ko-finanzjament fi ħdan l-uffiċċju tad-Direttur Ġenerali għal Gvern Lokali dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-għajnuna fil-ko-finanzjament tal-proġett "Improving Farm Access Roads in Ta' Sannat" ġiet meqjusa bħala eleġibli u se jingħata allokazzjoni ta' €5654.06. Hu qal li din l-għajnuna hi suġġetta għat-termini u kundizzjonijiet li jinsabu fil-ftehim.

99.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju 2019 fis-7.30 p.m. ser tinżamm il-laqgħa tar-Reġjun Għawdex ġewwa s-sala tal-uffiċċju Reġjonali.

99.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li peress li ssa ġej l-istaġun tas-sajf hemm il-ħtieġa li ssir it-tisqija lis-soft areas u l-ġnien tal-bidwi għalhekk inġabru kwotazzjonijiet għat-tisqija ta'

dawn. Il-Kunsill għażel l-irħas waħda dik ta' Lawrence Borg.

99.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rigward il-Gazzetta/Fuljett li kellu jiġi ppublikat mill-aħħar laqgħa dwar din il-legislatura tal-Kunsill se jkun impossibli li jkun jista li jsir dan qabel ma l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali. Dan peress li ma fadalx żmien biżżejjed biex wieħed jaħdem fuq dan għaliex jirrikjedi ammont ta' ħin biex wieħed jimplimentaħ u jiġi ddistribwit f'kull dar qabel l-elezzjoni. Il-Kunsill fehem u aċċetta dan.

99.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkulari mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li din giet iċċirkulata lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

Ċirkulari Numru 4/2019: Elezzjonijiet għall-Gvern Lokali (25 ta' Mejju 2019).
Ċirkulari Numru 5/2019: Elezzjonijiet għall-Gvern Lokali (25 ta' Mejju 2019) – L-Uffiċċji Amministrattivi tar-Reġjuni u tal-Lokali għandhom jinżammu magħluqa.
Ċirkulari Numru 6/2019: CCTV *Cameras* installati mill-Kunsilli Lokali.
Ċirkulari Numru 7/2019: Riforma Gvern Lokali – Emendi fl-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363)
Cirkulari Nurmu 8/2019: Manutenzjoni ta' sinjali u marki stradali fil-Lokalitajiet

Ċirkulari Numru SPI/07/2019: Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni. Dwar din iċ-Ċirkulari il-Kunsill qabel li għandu japplika għall-Ġnien tal-Bidwi.
Ċirkulari Numru SPI 8/2019: Attività – '*Light up the Night'*

## 99.6 Est! Est!! Est!!! Ta' Sannat Wine Festival

99.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kif kien qal fil-laqgħat preċedenti il-Kunsill kien ibbenefika fondi mill-Ministeru għal Għawdex biex isir Wine Festival. Din l-attivita' ser issir nhar is-Sibt 18 ta' Mejju 2019 fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri fejn ser ikun hemm live entertainment minn Atonal Brass Band, Cash & Band, Red Electric, għal dawk li huma fans tal-Eurovision se jkun hemm big screen taħt tinda apposta, logħob għat-tfal, esebizzjoni ta Cinema and Comic Model Expo. u kompetizzjoni għal aħjar inbid tad-dar. 5 tipi ta' inbid se jinġab apposta minn Montefiascone - Italja minn ma fejn il-Kunsill Lokali Ta' Sannat hu ġġemellat. Għandhom jiġu xi persuni minn Montefiascone biex jikkolaboraw f'din l-atttivita' biss sa ssa l-Kunsill ma ghandux konferma dwar dan. Il-Kunsill qabel ma dan u rringrazzja lis-sottokumitat tal-ħidma tiegħu biex din l-attivita' tkun waħda ta' suċċess.

## 99.7 Risposta għall-ittra ta' direzzjoni lill-Awditur

99.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ittra bit-tweġiba li se tintbgħat bir-risposta għal Management Letter dwar il-Financial Statements għas-sena 2018 lid-Direttur għall-Gvern Lokali - Moniteraġġ u Sapport, lill-Awditur Ġenerali (NAO) u lill-Awditur tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel mall-kontenut tagħha, din ġiet iffirmata mis-Sindku u minnhu biex b'hekk tkun tista tintbgħat fil-ħin.

## 99.8 Permessi – Festa Santa Margerita

99.8.1 Is-Sindku qal li ta' kull sena fil-ġimgħa tal-festa ta' Santa Margerita l-Kunsill isirhulu diversi talbiet mill-bejgħa bil-kiosks. Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni li peress li l-proġett ta' Triq Sannat għadu għaddej wieħed għandu jikkunsidra fhiex dan ser ikun wasal, hu ta l-parir li fix-xahar ta' Lulju dan ix-xogħol għandu jitwaqqaf ikun wasal fejn ikun wasal. Għalhekk il-Kunsill ħass li ma għandux jieħu deċizzjoni għalissa fejn dawn jistagħu jarmaw.

## 99.9 Ilmenti u Suġġerimenti

99.10.1 Is-Sindku qal li residenti minn Triq Ta' Ċenċ il-parti ta' l-fuq fejn il-Girna Restaurant ġibdulu l-attenzjoni li qed isir parkeġġ fuq il-bankini li dawn mhux qed ikunu aċċessibili u għalhekk talbu li jiġu nstallati n shapes bħal dawk ta quddiem il-fanali f'din il-pjazzetta biex ma jibqax isir dan. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

99.10.2 Resident li joqgħod fi Triq Tal-Gruwa talab li ssir bozza fuq in-naħa ta' wara ta' Triq Tal-Gruwa fi sqaq li jinfed għal Triq Ta' Ċenċ fejn ma hemm xejn dawl.

99.10.3 Resident li joqgħod fi sqaq Dun Nastas fi Triq Ta' Ċenċ qed jitlob li jerġgħu jsiru l-yellow double lines mal-ġnub tal-isqaq peress li jekk jkun hemm l-karozzi pparkjati ma tkunx tista' tidħol jew toħroġ mill-istess sqaq. Il-Kunsill għandu jara n-neċċessita ta' dawn id-double yellow lines u jekk hu minnu jitlob lill-Transport Malta biex ikun jista jsir dan.

99.10.4 Resident li joqgħod fi Triq Palazz Palina talab li l-bin li twaħħal fiz-zona pedonali ta' Triq Skerla għandu bżonn jitbattal peress li dan huwa mimli sax-xfar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li malli daħal dan l-ilment, hu nforma b'dan lil-Kuntrattur u dan tnaddaf.

99.10.5 Residenta li toqgħod fi Triq il-Kalkara tal-Ġir bagħtet e-mail fejn talbet biex jitranġa l-ħajt tal-għalqa ta maġenb id-dar tagħha dan għaliex waqgħa meta kien temp ħażin u baqa' f' dan l-istat. Din ir-residenta talbet ukoll li jitranġa it-tarmak tat-triq speċjalment quddiem id-dar tagħha, fejn dan jinsab fi stat ħazin. Il-Kunsill qal li dwar il-ħajt dan huwa tal-privat u għalhekk huwa s-sid li jrid jibnieħ. Dwar l-istat ħażin tat-triq il-Kunsill għandu jikkunsidra dan.

99.10.6 Il-Ħaddiema tas-sessjoni tal-Beach Cleaning fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bħas-snin l-imgħoddija talbu biex jinxtara materjal biex jiżbgħu l-ħitan, railing, mwejjed u bankijiet li hemm fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel ma dan.

99.10.7 Residenta minn sqaq Dun Nastas fi Triq Ta' Ċenċ qed titlob li jinbena ħajt tas-sejjieħ li waqa f'din it-triq. Il-Kunsill għandu jara jekk dan il-ħajt hux tal-privat għaliex f'dan il-każ huwa s-sid tal-għalqa li għandu jibni dan.

99.10.8 Residenta qed titlob biex fi Triq tal-Gruwa x'ħin tidħol il-ġew mill-irziezet hemm ħafna bużbież u ħaxix ħażin li ma tistax tgħaddi b'karrozza. Il-Kunsill qabel li dan għandu jinqatta mill-ħaddiema assenjati miegħu wara li jeħilsu x-xogħolijiet tal-qtugħ tal-ħaxix li qed isiru bħalissa.

## 99.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 5/2019

99.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 5/2019 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill barra l-kont ta' Emanuel Tabone għal transport minn Ta' Sannat sa l-ajruport ta' Malta u lura meta saret l-aħħar żjara f'Motefiascone b'delegazzjoni li ħa s-Sindku f'Marzu 2019. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 99.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-aħħar laqgħa.

99.11.1 Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsill, lill-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, lis-Segretarju Eżekuttiv flimkien mall-istaff kollu għal ħidma li saret u l-proġetti kollha li twettqu f'din il-leġislatura li hu qal li mhux se joqgħod isemmi. Hu rringrazzja b'mod speċjali lill-Kunsilliera Cassar Sultana u lill-Kunsilliera Said peress li dawn mhux ser jerġgħu jikkontestaw għall-elezzjoni li jmiss tal-Kunsill Lokali nhar l-25 ta' Mejju 2019 u awgura lill-Viċi Sindku u lill-Kunsillier Bajada għall-elezzjoni, miegħu ngħaqdu l-Kunsilliera kollha u s-Segretarju Eżekuttiv.

99.11.2 Il-laqgħa ntemmet fit-3.00 p.m. u ġiet aġġornata għall-aħħar laqgħa ta din il-leġislatura nhar il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2019, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 20 ta' Ġunju 2019

(iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv